# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

IR-RABA GIMGHA

**18Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, ‘Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; Luqa 15:18**

Meta Mark Twain gie mistoqsi min hu l-akbar narratur ta’ l-istejjer, wiegeb li hu Gesu’ Kristu u kompla jghid li l-akbar storja tieghu hija ta’ l-Iben il-Hali. L-istorja hija mimlija elementi ta’ narrativa tajba b’hafna elementi dwar il-familja, id-drama, decizzjonijiet mehuda hziena, incertezza u dubbji, rikonciljazzjoni u fl-ahhar tmiem tajjeb. Bhal f’kull kwalunkwe storja ohra, nistghu nirrelataw ghal kull karattru u insibu bicciet minna nfusna rapprezentati fihom.



Hafna drabi nsibu li konna nixbhu lil iben iz-zghir, anke jekk nippruvaw nahbu. Irridu nammettu li konna halja u irresponsabbli bil-gid materjali – nonfqu hafna u nirriciklaw

ftit wisq, Filwaqt li l-flus u dak li ghandna huma haga apparti, il-mod kif ahna halja u disattenti dwar kif ingibu ruhna ma’ l-ohrajn huma aktar serji. L-affarijiet jistghu jitrangaw, imma d-dispjacir li nkunu ikkawzajna flimkien ma’ l-ugigh ma tantx wiehed jista’ imewwithom u jinsiehom kif gieb u lahaq u onestament wiehed irid jara kif ser isewwi c-cirkustanzi.

Ir-Randan huwa zmien ghal kull wiehed u wahda minna biex nahsbu x’relazzjonijiet niehdu bhala li huma ovvji, filwaqt li nassumu li ser jibqghu hekk, u anke fuq il-wegghat li bihom offendejna lil haddiehor u jehtiegu l-mahfra.

Daqs kemm-il darba konna nixbhu lil iben iz-zghir, daqshekk iehor nixbhu l-iben I-kbir. Konna bil-ghaqal attenti li naghmlu dak li mitluba. Konna fidili sa l-anqas l-ittra tal-ligi, anke jekk ahna kellna naghmlu xi sagrificcju. Iggudikajna lil ohrajn bir-regoli u l-qisien taghna. Konna kontra li jinghatw it-tieni opportunita’ lil ohrajn u kontra il-hniena moghtija lil ohrajn, partikularment meta ma konniex kapaci naghtu l-istess opportunitajiet lilna nfusna.

Ir-Randan jitlob minna li ninzghu l-bniedem il-qadim kif ukoll dawk l-istrutturi tal-virtu’ li jzommna lura milli nhobbu lil ohrajn u narawhom bhala ulied Alla u ahwa taghna.

Hafna jemmnu, u Papa Frangisku fost dawn, li din l-istorja ghandha tissejjah il-Parabbola tal-Missier Hanin. Ghaliex hija l-Hniena tal-Missier li tipprovdi l-bazi ta' l-istorja, rikonciljazzjoni u l-azzjoni tal-grajja. Huwa jigri biex ikun, il-konsolazzjoni u l-assigurazzjoni ghal kull wiehed minn uliedu.

Nippruvaw li nimxu fuq l-imhabba u l-hniena tal-Missier billi naraw lil haddiehor mhux mill-lenti tal- fallimenti taghhom, izda bin-nuccali tal-kompassjoni.

Ir-Randan huwa twil ghal raguni. Is-sitt gimghat tar-Randan jaghtuna cans bizzejjed biex nahsbu fuq ir-relazzjoniiet taghna ma' Alla u ma' l-ohrajn.

KIF INTI TIXBAH LIL IBEN IL-KBIR MOGHMI  BIL-HAJJA VIRTUZA TIEGHEK?

KIF INTI TIXBAH LIL IBEN IZ-ZGHIR FIL-HELA TIEGHEK KEMM F'DAK LI HUWA GID MATERJALI KIF UKOLL FIL-HAJJA TIEGHEK LI MA HIEX IMFASSLA FUQ IL-PAJN TA' ALLA ?

KIF INTI TIXBAH LIL MISSIER FIL-HNIENA TIEGHU?